MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## LORRAINE SCHEMBRI ORLAND

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2014

Citazzjoni Numru. 245/2014

**Carmelo Carabot *sive* Carmelo Carabott (ID. Card Nru. 433060M)**

**vs**

**Id-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## <u>I. PRELIMINARI.</u>

Rat ir-rikors guramentat ta' Carmelo Carabot *sive* Carmelo Carabott [ID Card Nru.433060M] datat 26 ta’ Marzu 2014 fejn jiddikjara u jikkonferma bil-gurament li l-fatti segwenti jafhom personalment :

llli Carmelo Carabot *sive* Carmelo Carabott, twieled il-Pieta' Malta nhar is-27 ta' Gunju 1960 u dan it-twelid gie debitament registrat u inghata n-numru ta' iskrizzjoni 4330/1960;

Illi fuq l-Att tat-Twelid l-esponent inghatat l-kunjom Carabot bhala l-kunjom li bih kellu jissejjah u bih ikun maghruf;

Illi l-istess rikorrenti ilu hajtu kollha juza l-kunjom Carabott minflok Carabot, dejjem kien maghruf b'dan il-kunjom u ilu hekk maghruf u msejjah mill-familja tieghu, qraba, hbieb u konoxxenzi;

Illi huwa baqgha hekk maghruf bil-kunjom Carabott u sahansitra l-Gvern Malti kien hariglu karta ta' l-identita' u passaport bil-kunjom Carabott;

IIli r-rikorrenti ghandu interess li l-Att tat-Twelid tieghu jkun jirrifletti l-isem Ii hu u l-familja tieghu konsistentament juzaw bhala l-isem li bih jissejjah u hu maghruf minflok l-isem li nghata fuq l-Att tat-Twelid bhala l-isem Ii kellu jissejjah;

Illi ghalhekk hu jrid li l-kunjom Carabott jigi registrat fuq l-Att ta' Twelid tieghu minflok l-kunjom li jidher annotat fil-kolonna ntestata "Isem u Kunjom Moghti" kif ukoll fil-kolonna "Isem jew ismijiet Ii bih/bihom it-

tarblja ghandha tigi msejha" u dan *a tenur* ta' l-Artikolu 253(2) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi l-intimat minkejja li giet debitament interpellat f'dan is-sens permezz ta' ittra ufficjali tal-5 ta' Marzu 2014 huwa baqa' inadempjenti;

Illi l-ahwa u l-familjari ta' l-esponent, juzaw u huma kollha rregistrati bil-kunjom Carabott fl-atti ta' l-istat civili taghhom;

Ghaldaqstant *in vista* tal-premess, l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li r-rikorrenti huwa konsistentement imsejjah u maghruf bil-kunjom Carabott u mhux bil-kunjom Carabot,

2. Tordna ghalhekk li l-kunjom Carabott jigi registrat fuq l-Att ta' Twelid tar-rikorrenti li jgib in-numru ta' iskrizzjoni 4330/1960 minflok l-kunjom Carabot b'dan illi l-imsemmi Att jigi emendat fis-sens li fil-kolonna ntestata "Isem u Kunjom Moghti" kif ukoll fil-kolonna "Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha", jitnizzel il-kunjom Carabott minflok il-kunjom Carabot;

3. Tordna lill-intimat jaghmel dak kollu necessarju sabiex tali tibdil jigi rifless f'kull att ta' l-istat civili relattiv ghar-rikorrenti;

Bl-ispejjez inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali tal-5 ta' Marzu 2014, kontra l-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku minn issa ngunt in subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tal-12 ta’ Gunju 2014.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 2 ta’ Mejju 2014 (fol 22) fejn espona : -

1. Illi preliminarjament qabel is-smigh tal-kawza, b'ordni tal-Qorti ghandu jigi ppubblikat avviz fil-Gazzetta tal-Gvern tal-inqas hmistax-il gurnata qabel is-smigh tal-kawza *a tenur* tal-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi l-esponent jirrileva li r-rikorrenti twieled fis-sena 1960 u f'dak iz-zmien fuq l-att tat-twelid kien jitnizzel biss l-isem li t-tarbija kellha tassumi u ebda referenza ma kienet issir ghall-kunjom li kienet se tiehu. L-att tat-twelid kif kien isir qabel is-sena 2005 ma kellux kolonna li tipprovdi ghall-isem u l-kunjom izda ghall-isem biss, u ghalhekk it-talba numru tnejn fir-rikors promotur ma tistax tigi milqugha.

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, fiz-zmien li gie registrat l-att tat-twelid tar-rikorrenti u *ossia* fis-sena 1960, ma kienx hemm ezistenti sistema kompjuterizzata ta' gabra u kkonservar ta' nformazzjoni u dokumenti. Ghaldaqstant l-ufficjali tar-Registru Pubbliku kienu jistriehu fuq id-dikjarazzjoni ta' dak li jafferma l-korrezzjoni ta' l-informazzjoni li kienet titnizzel fl-att in kwistjoni.

4. Illi skont l-att tat-twelid in kwistjoni li jgib in-numru progressiv 4330 tas-sena 1960 (anness u mmarkat Dok. DRP 1) kien missier ir-rikorrenti stess Michael Carabot li kien id-dikjarant u li ta l-informazzjoni kollha li mbaghad tnizzlet fic-certifikat tat-twelid tar-rikorrenti.

5. Illi sabiex it-tielet talba tintlaqa' ir-rikorrenti jrid jindika bi precizjoni n-numru u s-sena tal-atti tal-istat civili tieghu li qed jitlob li jigu mibdula.

6. Illi bla pregudizzu ghal premess, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir ta' l-esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

7. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qeghdin jigu ingunti in subizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta tal-21 ta' Ottubru 2014 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr Franco Galea ghall-attur u Dr Maurizio Cordina ghad-Direttur Registru Pubbliku. Dr. Cordina ddikjara li ma ghandux provi aktar. Dr. Galea ghar-rikorrenti insista fuq il-kundanna tal-ispejjez kontra d-Direttur Intimat ghaliex *in vista* tal-fatt li l-atti kollha ta' stat civili tal-familjari kollha tar-rikorrent, kollha kienu indikaw il-kunjom Carabott b' 't' doppja fl-ahhar, u l-Gvern Centrali ghal diversi snin kien johrog karta tal-identita` u passaport lir-rikorrent bil-kunjom Carabott bit- 't' dopja, fid-dawl tal-fatt ukoll li l-unika prova li ressaq id-Direttur Intimat huwa kopja

tac-certifikat originali tar-rikorrenti fejn fuq l-istess dokument hemm indikat li l-missier tar-rikorrent ma kienx jaf jaqra, u kwindi l-istess dokument gie mimli mill-ufficjal tar-Registru. Dr. Cordina ghamel referenza ghall-affidavit tal-intimat minn fejn irrizulta li fiz-zmien tal-hrug tac-certifikat tat-twelid tar-rikorrent l-informazzjoni kienet tigi mimlija minn ufficjal tal-Pulizija u li din l-informazzjoni kienet tigi dikjarata mill-applikant. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-16 ta' Dicembru 2014.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi permezz ta' din il-kawza, r-rikorrent qed jitlob li issir korrezzjoni fl-Att ta' Twelid tieghu numru 4330/1960 (**DOK DRP1)** billi jigi korrett kunjomu li ghandu jkun "*Carabott"* u mhux "*Carabot."*

Illi l-pubblikazzjoni rikjesta mill-artikolu 254 tal-Kap.16 saret debitament (fol.21).

Illi r-rikorrent jghid li ilu juza l-kunjom "Carabott" tul hajtu kollu u dan hu l-kunjom moghti lill-membri kollha tal-familja tieghu. In sostenn ta' dan esebixxa diversi kopji ta' atti pubblici, fosthom l-att taz-zwieg tieghu (DOK CC2), Att Notarili (DOK CC3) fejn missieru jidher bhala "Michele Carabott" u kopja tal-Karta tal-Identita tieghu (DOK CC4 u CC5). Dan isib korroborazzjoni mill-kopji ta' certifikati tat-twelid ta' hut ir-rikorrent u

tad-dokumenti ufficjali tal-identita', minn fejn jirrizulta li kunjom missierhom huwa "Carabott" (Dok CC8 sa CC15 ) kif ukoll ta' ommu (DOK CC16).

Inoltre xehdet *viva voce* oht ir-rikorrent **Nazzarena Schiavone**[1] li affermat li missierha kien jismu "Michael Carabott."

L-intimat jistrieh fuq il-procedura li d-dettalji fuq l-att tat-twelid fiz-zmien tar-registrazzjoni in mertu kienu jinghataw mid-dikjarant li, fil-kaz tallum, kien missier ir-rikorrent. Izda gie dikjarat fuq l-istess certifikat (**DOK.DRP1)** li d-dikjarant ma jafx jikteb u dan jirrizulta wkoll mill-att notarili esebit a fol. 5 sa 7 tal-process.

Illi l-Qorti, wara li rat l-atti u affidavits esebiti, u semghet ix-xhieda moghtija, hija soddisfatta li sar zball fl-att tat-twelid tar-rikorrent billi kunjom missieru kellu jitnizzel bhala "Carabott" u mhux "Carabot."

Illi fir-rigward tat-tielet talba, fis-seduta tat-12 ta' Gunju 2014 id-difensur tar-rikorrent iddikjara li qed jitlob korrezzjoni *occorrendo* fic-certifikat taz-zwieg tar-rikorrent numru 2562/1982 esebit a fol.4 tal-process u ddikjara li ma faddallux provi aktar. Il-Qorti rat dan l-att u ma jirrizultax li jenhtieg korrezzjoni ghaliex il-kunjom hu mnizzel kif irid ir-rikorrent.

Fic-cirkostanzi, izda, taqbel li l-intimat m'ghandux jerfa' l-ispejjez in kwantu r-responsabbilita' tad-dikjarazzjoni tirrisjedi mad-dikjarant.

[1] Seduta tat-12 ta' Gunju 2014

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi**, billi **tilqa'** t-talbiet tar-rikorrent fis-sens li gej:

1. **Tilqa'** l-ewwel talba u tiddikjara u tiddeciedi li r-rikorrent huwa konsistentement imsejjah u maghruf bil-kunjom Carabott u mhux bil-kunjom Carabot;

2. **Tilqa'** t-tieni talba fis-sens li tordna ghalhekk li l-Att ta' Twelid tar-rikorrent li jgib in-numru ta' iskrizzjoni 4330/1960 jigi emendat billi fil-kolonna ntestata "Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha", jitnizzel "Carmel maghruf bil-kunjom Carabott";

3. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet talba in kwantu ma gewx indikati atti li kellhom bzonn korrezzjoni.

Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi nnotifikat b'kopja tas-sentenza ta' din il-Onorabbli Qorti u dan skont l-artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta u li ghandu jaghmel l-annotazzjonijiet u korrezzjonijiet kollha mehtiega sabiex jigi rifless li kunjom ir-rikorrent huwa "Carabott" u mhux "Carabot" .

**L-ispejjez jithallsu mir-rikorrent.**

**Moqrija.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------